


# il-Gżejjer

JANNAR 1981

Nru. 102

# PVC PIPES & FITTINGS

**Plastic extrusions, injection mouldings, blow film and thermosetting.**
**u.P.V.C. pipes, electric conduits, garden and agricultural hoses.**

JBP

**J. B. PLASTICS LTD.**

B21a INDUSTRIAL ESTATE, BULEBEL. Tel: 878200 - 878313 - 878341 - 878632
Telex MW 422

XYZ LTD
Invoice
File

Menu

PASSPORT

**Welded P.V.C. plastic products.**
**Stationery and Office Requisites.**
**Swimming Aids and Inflatables.**
**Specialists in the production of Baby Pants.**

BORG
PLAST
LIMITED

B18 INDUSTRIAL ESTATE, BULEBEL. Tel: 878200 - 878313 - 878341 - 878632
Telex MW 422

VEST TYPE

SELF-HANDLE

# POLYTHENE BAGS

**Low density and high density polythene shopping baskets, bags and sheeting.**
**Printing up to four colours**

JBP

**J. B. PLASTICS LTD.**

B21a INDUSTRIAL ESTATE, BULEBEL. Tel: 878200 - 878313 - 878341 - 878632
Telex MW422




Smile back at Lady Fortune.
Buy your £M1 lottery tickets today.
217 prizes totalling £M130,000 for
February, March, April, May and June.

**March Draw:** 1 × £M10,000; 1 × £M1,000;
1 × £M300; 1 × £M200; 1 × £M100;
and 20 prizes × £M50 each.

***Catch her smile in time.***
***Buy your tickets now.***

il-Gżejjer

JANNAR 1981 Nru. 102

Maħruġ
mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni,
Valletta, Malta.

paġna

Il-Prim Ministru fi żjarat uffiċjali fit-Tuneżija, l-Alġerija u l-Marokk ... 2
Il-Ħalib ... 4
Gallerija Feniċi ... 7
Imġieba fit-Triq ... 11
Mix-Xena Lokali ... 12
Dwar Għawdex — Il-Bizzilla ... 16
Rakkont għat-Tfal ... 18
Għan-Nisa ... 20
Sptar tal-Maternità ... 24
It-Trobbija tan-Naħal ... 26
Jitkellem l-Avukat ... 28



ISSA, li tlesta ċ-China Dock, it-Tarzna ta' Malta tista' tidħol għal xogħol ta' tiswija ta' vapuri bħal dan it-tanker 'Perch' li b'tul ta' 324 metru hu l-akbar wieħed li s'issa daħal Malta.

# *Il-Prim Ministru fi żjarat uffiċjali fit-Tuneżija, l-Alġerija u l-Marokk*

Il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff, akkumpanjat minn delegazzjonijiet ta' livell għoli, dan l-aħħar għamel żjarat uffiċjali fit-Tuneżija, fl-Alġerija u fil-Marokk.



**Is-Sur Mintoff mal-Prim Ministru tal-Marokk, Maati Bouabid.**

**TUNEŻIJA**

Is-Sur Mintoff u d-delegazzjoni tiegħu kienu Tunes bejn l-10 u t-12 ta' Diċembru, 1980. Il-Prim Ministru hawn kellu laqgħat uffiċjali mal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin **Hassan Belkhodja, mal-Prim Ministru Mohammed M'Zali u mal-President tar-Repubblika tat-Tuneżija, l-Eċċellenza Tiegħu Habib Bourguiba. Id-delegazzjoni Maltija** kellha wkoll taħditiet ma' Ministri u uffiċjali tal-Gvern tar-Repubblika Tuneżina.

Il-Gvern tat-Tuneżija qiegħed issa jistħarreġ flimkien ma' pajjiżi oħra tal-Magħreb, l-aħjar mezz kif ikun jista' jsostni n-newtralità ta' Malta li bdiet titwettaq ma' l-egħluq tal-bażijiet tal-barrani fil-31 ta' Marzu, 1979.

**Fuq koperazzjoni bilaterali sar ħafna xogħol siewi, u ġie miftiehem li f'qasir żmien jitwaqqfu 'joint ventures' fil-kamp kummerċjali, kif ukoll fil-qasam tas-sajd u tat-turiżmu, filwaqt li jiġi mfassal ftehim ta' koperazzjoni bejn it-tarznar tażżewġ pajjiżi. Id-delegazzjoni Maltija ħalliet ukoll dokument fuq proġetti industrijali li fihom jista' jieħu sehem il-Gvern Tuneżin.**

Ġie miftiehem ukoll li delegazzjoni ta' esperti Tuneżini żżur Malta f'qasir żmien sabiex tikkonkludi x-xogħol li kien inbeda f'Tunes.

Wara ż-żjara f'Tunes id-delegazzjoni Maltija ltaqgħet uffiċjalment ma' l-Eċċellenza Tiegħu Chedli Klibi, Segretarju Ġenerali ta' l-Arab League. Is-Segretarju Ġenerali wera l-approvazzjoni tiegħu u ta' l-Arab League għall-politika soda Maltija u għal dak kollu illi l-Gvern u l-poplu Malti qegħdin jagħmlu għan-Nazzjon Għarbija u wiegħed l-appoġġ tiegħu fl-Arab League biex iħeġġeġ il-Membri jikkoperaw ma' Malta sabiex tkun tista' tkompli bil-politika tagħha ta' newtralità u ta' non-alinejament, politika li hi ta' fejda mhux biss għal Malta imma għall-Istati kollha tal-Mediterran.

**ALĠERIJA**

Bejn il-15 u s-17 ta' Diċembru, 1980, il-Prim Ministru, flimkien ma' delegazzjoni oħra, għamel żjara uffiċjali fl-Alġerija. Huwa kellu laqgħat mal-President Chadli Benjedid, mal-Prim Ministru Mohamed Abdelghani, kif ukoll ma' Ministri oħra u ma' uffiċjali għolja tal-Gvern Alġerin.

**Fil-laqgħat li saru mal-President u mal-Prim Ministru Alġerin, id-delegazzjoni Maltija ġiet assigurata illi l-Alġerija għadha interessata fil-politika ta' newtralità u ta' non-alinejament ta' Malta u għadha lesta biex tuża l-mezzi kollha biex tikkopera ma' Malta kemm fil-qasam militari kif ukoll fil-qasam politiku sabiex tirrinforza l-istatus ta' Malta. Il-mexxejja tal-Poplu Alġerin wiegħdu li jfittxu ma' pajjiżi oħra ġirien il-mezzi sabiex jagħtu l-garanziji meħtieġa għan-newtralità ta' Malta.**

Fil-kamp bilaterali ta' min ifakkar illi l-Gvern Alġerin diġà ħa ħmistax fil-mija ta' l-ishma tal-Malta Shipbuilding Company, għaxra fil-mija fis-Sea Malta u ikkommetta ruħu illi jieħu terz mill-ishma tal-Funderija. Id-delegazzjoni Maltija tkellmet ukoll fuq xogħol għat-tarzna ta' Malta u fuq programmi ta' koperazzjoni ma' l-Alġerija. Ġie miftiehem illi l-Mixed Commission, minn hawn u ftit ġimgħat oħra, tiltaqa' f'Malta fil-livell ta' Ministri.

**IL-MAROKK**

Il-Prim Ministru mexxa delegazzjoni oħra din id-darba fil-Marokk bejn il-5 u l-15 ta' dan ix-xahar.

Fi triqitha lejn il-Marokk id-delegazzjoni Maltija waqfet Ruma fejn kellha laqgħat importanti mal-Prim Ministru Taljan Arnaldo Forlani, mal-Ministru ta' l-Industrija, Filippo Maria Pandolfi u mal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Emilio Colombo.

**F'dawn il-laqgħat iż-żewġ naħat tkellmu fuq il-passi li għandhom jittieħdu sabiex jiġi ratifikat il-ftehim li ġie inizjalat fil-15 ta' Settembru, 1980. Il-Gvern Taljan reġa' tenna illi mill-parti tiegħu jagħmel ħiltu kollha sabiex il-ftehim jiġi ratifikat miż-żewġ kmamar tal-Parlament Taljan mill-aktar fis. Ġew miftiehma wkoll il-passi konkreti li jistgħu jittieħdu sabiex jitfassal programm li jassigura li l-koperazzjoni ekonomika tibda sseħħ minn dak inhar illi l-Parlament Taljan jirratifika l-ftehim.**

Fil-Marokk il-Prim Ministru Dom Mintoff, li kien akkumpanjat ukoll mill-Ministru tas-Saħħa, l-Onorevoli Vincent Moran, kellu laqgħa mar-Re Hassan II kif ukoll taħditiet fid-dettal mal-Prim Ministru Maati Bouabid fuq l-iżvilupp u l-promozzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali u l-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi, kif ukoll problemi internazzjonali tal-mument ta' interess għaż-żewġ pajjiżi mhux alinejati.

Iż-żewġ Prim Ministri taw ħarsa lejn l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bilaterali u esprimew is-sodisfazzjon tagħhom għar-relazzjonijiet tajbin ħafna li jeżistu bejn iż-żewġ pajjiżi. Huma nnutaw ukoll li jeżistu possibilitajiet ta' koperazzjoni akbar fl-oqsma kollha. F'dal-kuntest, fil-laqgħa tal-Kummissjoni Maltija/Marokkina tfassal programm ta' koperazzjoni fl-oqsma ta' l-industrija, agrikoltura, trasport bil-baħar u bl-ajru, kummerċ, edukazzjoni, żgħażagħ, sport u saħħa. Għal dan il-għan delegazzjoni Ministerjali Marokkina għandha żżur Malta sabiex tkompli twettaq dan il-programm. Il-Gvern Marokkin qabel fil-prinċipju li jieħu ishma fil-Malta Shipbuilding Company.

**Iż-żewġ Prim Ministri nnutaw bi tħassib id-deterjorazzjoni tal-qagħda internazzjonali. Attenzjoni speċjali ġiet mogħtija miż-żewġ Prim Ministri għall-qagħda fil-Lvant Nofsani. Huma tennew il-konvinzjoni tagħhom li ebda soluzzjoni dejjiema ma tista' tinstab fil-Lvant Nofsani mingħajr is-sehem sħiħ tal-PLO — ir-rappreżentant waħdieni tal-Poplu Palestinjan, u li t-tensjoni fil-Lvant Nofsani ma tistax tonqos mingħajr l-għarfien u l-kisba lura tad-drittijiet inaljenabbli tal-Poplu Palestinjan għal stat indipendenti u sovran.**

Iż-żewġ Prim Ministri wegħdu li jkomplu bl-isforzi tagħhom favur id-detente fil-Mediterran.

Huma tennew it-twemmin sħiħ tagħhom fil-prinċipji tan-non-alinejament u r-rabta tagħhom maċ-Charter tal-Ġnus Magħquda. Il-Prim Ministru Marokkin wera l-apprezzament sħiħ tiegħu għall-inizjattivi dwar il-Mediterran li Malta qed tieħu fil-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa li qed tiltaqa' f'Madrid, sabiex tara li jkun hemm is-sehem sħiħ ta' l-Istati tal-Mediterran mhux parteċipanti, f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà u l-koperazzjoni fir-reġjun.

**Il-Gvern tar-Renju Marokkin laqa' bil-ferħ l-egħluq f'Malta tal-bażijiet militari barranin bħala sehem siewi għas-sliem u sigurtà fil-Mediterran, u wiegħed bis-sħiħ l-appoġġ u l-għajnuna sħiħa tiegħu għall-istatus ta' newtralità ta' Malta msejjes fuq iċ-Charter tal-Ġnus Magħquda u l-prinċipji ta' non-alinejament kif għażel il-poplu Malti waħdu fil-31 ta' Marzu, 1979.**

Iż-żewġ Prim Ministri ikkundannaw bil-qawwa kull indħil barrani li jhedded is-sigurtà, l-istabbilità, l-indipendenza u l-integrità territorjali ta' stati Afrikani. Il-Prim Ministru ta' Malta wera l-apprezzament sħiħ tiegħu għall-isforzi li qiegħed jagħmel il-Marokk sabiex inaqqas it-tensjoni fir-reġjun ta' l-Afrika ta' Fuq. Iż-żewġ Prim Ministri għal darb'oħra stqarrew l-appoġġ tagħhom lill-poplu Afrikan li qed jissielet għall-indipendenza nazzjonali ta' Namibja u ikkundannw bil-qawwa r-reġim ta' l-Apartheid fl-Afrika t'Isfel.

Meta d-delegazzjoni kienet Marrakech saru wkoll taħditiet privati ma' Lord Carrington is-Segretarju ta' l-Istat ta' l-Affarijiet Barranin Ingliż u ma' Dr Henry Kissinger.

Il-Prim Ministru Dom Mintoff, f'isem il-poplu Malti, f'isem id-delegazzjonijiet tiegħu u f'ismu, radd ħajr lill-mexxejja u l-popli ta' dawn il-pajjiżi li huwa żar, tal-merħba u l-ospitalità ġeneruża li wrew matul iż-żjarat tiegħu.

# Iż-Żjara tal-President ta' l-Alġerija

**Fl-24 ta' dan ix-xahar, il-President tar-Repubblika Demokratika u Popolari ta' l-Alġerija, Chadli Benjedid għamel żjara f'Malta fejn kellu taħditiet siewja mal-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff.**



L-Onor. Wistin Abela, Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet; is-Sur Abderrahman Chibarre, Ministru għall-Affarijiet Reliġjużi; is-Sur Mahri Abdelhamid, President tal-Kummissjoni tal-Kultura u Informazzjoni tal-Partit; l-Onor. Dom Mintoff, Prim Ministru ta' Malta; Chadli Benjedid, President tar-Repubblika Demokratika u Popolari ta' l-Alġerija; l-Onor. Joseph Cassar, Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu.






Il-ħalib pasturizzat li jinħadem mill-Impriża tal-Bejgħ tal-Ħalib (M.M.U.) hu magħruf bħala *'il-ħalib tal-Gvern'* jew *'il-ħalib ta' l-M.M.U.'* jew ukoll bħala *'l-ħalib tal-flixkun'*.

Il-ħalib hu forma ta' ikel importanti għas-saħħa ta' kulħadd. Għalhekk, insibuh fid-djar ta' kull familja Maltija u Għawdxija.

Iżda, għalkemm dan il-ħalib pasturizzat hu magħruf minn kulħadd, ftit huma dawk in-nies li jafu u japprezzaw kemm xogħol jinvolvi qabel ma dan il-ħalib isib ruħu fuq il-mejda tad-djar tagħna.

**Sa mis-sagħtejn u nofs ta' filgħodu, 45 agent jinġabru fil-fabbrika tal-MMU, l-Ħamrun, minn fejn jgħabbu eluf ta' flixken tal-ħalib fit-trakkijiet tagħhom, li wara jmorru jqassmuhom fit-toroq u fil-mijiet ta' ħwienet imxerrda ma' Malta u Għawdex. Bis-saħħa ta' hekk il-mara tad-dar, malli tqum, tkun tista' ssib il-flixkun tal-ħalib wara biebha jew għand tal-grocer.**

Dan il-ħalib jinġabar fid-depot tal-Ħamrun u dak ta' Għawdex mingħand 337 raħħal kemm filgħodu kif ukoll wara nofs in-nhar minn madwar 7,200 baqra u 3,000 mogħża. Ta' minn isemmi li fl-ewwel disa' xhur tas-sena li għadha kif spiċċat, l-MMU xtara mingħand ir-raħħala 21,644,587 litru ta' ħalib.

Dan il-ħalib jiġi mkessaħ u pasturizzat qabel ma mbagħad jgħaddi biex jiġi mimli fil-flixken. Dan il-proċess isir b'apparat l-aktar modern li ġie nstallat fl-MMU fl-1979.

Minbarra l-ħalib pasturizzat l-MMU tipproduċi wkoll ħalib bl-essenza, dak li ħafna jsejħulu 'milkshake'. Dan hu popolari ħafna speċjalment fost it-tfal, fejn bis-saħħa tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, jeħduh b'xejn mill-iskejjel tal-Gvern.

Is-sajf li għadda din ix-xorta ta' ħalib 'milkshake' fi flixken kbar ġie



*Għalkemm il-ħalib pastu-rizzat hu magħruf minn kulħadd, ftit huma dawk in-nies li jafu u japprez-zaw kemm xogħol jinvolvi qabel ma dan il-ħalib isib ruħu fuq il-mejda tad-djar tagħna.*

offrut għall-ewwel darba lill-pubbliku fejn kienu jinbiegħu mal-20,000 flixkun kuljum.

**L-Irkotta**

Prodott ieħor popolari huwa l-irkotta. Il-mara tad-dar iddaħħal dan il-prodott f'bosta riċetti kemm tat-tisjir kif ukoll tal-ħelu. Infatti mill-MMU wieħed jista' jakkwista b'xejn ktejjeb b'dawn ix-xorta ta' riċetti. Il-pastizzi u t-torti tal-irkotta huma speċjalità tagħna l-Maltin li saħansitra l-barranin li jkunu fostna jammiraw; u dan biex ma nsemmux ukoll il-kannoli tal-irkotta. Matul is-sena li għaddiet inbiegħu 165,014 kilos ta' irkotta.

**Krema**

Il-krema hija prodott ieħor li joħroġ mill-MMU. Din tinbiegħ kemm fi flixken tal-pinta kif ukoll fil-'cartons'. Dan il-prodott l-aktar li jintuża huwa mal-ħelu u l-kejkijiet. Id-dolċiera Maltin, flimkien mal-mara tad-dar, jafu li l-krema tal-MMU hija ta' kwalità mill-aqwa. Matul is-sena li għaddiet ġew mibjugħa 42,600 litru ta' krema.

**Yoghurt**

Prodott ieħor li qed isir dejjem popolari huwa l-'yoghurt'. Illum aktar minn qabel il-'yoghurt' huwa mfittex b'mod speċjali min-nisa, xebbiet u tfajliet li jridu jżommu l-figura. Fl-MMU dan il-'yoghurt' jiġi mimli f''cartons' u s-sena li għaddiet inbiegħu 909,133 kartuna ta' dan il-prodott.

**Milkshakes**

Fejn sa ftit ilu kienu t-tfal ta' l-iskejjel li jixorbu l-'milkshakes',



mis-sajf li għadda il-'milkshakes' bdew ukoll jiġu mqassma għal pubbliku fi flixken kbar. Dawn kienu ferm popolari u ekonomiċi u fil-vaganzi tas-sajf it-tfal setgħu jibqgħu jixorbu dan il-ħalib sustanzjuż, frisk u b'togħmiet differenti.

**Ġobon tal-Bżar**

Hafna huma dawk li jiftakru li xi snin ilu l-MMU kienet ukoll tipproduċi l-ġobon tal-bżar. Dan hu ġobon bnin li kien imfittex minn ħafna għall-palat tajjeb tiegħu.

**Din is-sena wkoll ġie prodott dan il-ġobon imma fi kwantità limitata tant hu hekk li dan il-ġobon tal-bżar wieħed jista' jsib jixtrih biss mill-ħwienet tal-MMU fil-Belt u l-Hamrun. Dan il-ġobon ġie maħdum u ppriservat fid-Dairy ta' Għawdex minn ħaddiema esperti f'dan il-qasam.**

**Ilmenti**

**L-MMU ukoll għandha taqsima fejn tirċievi xi lmenti li l-pubbliku jista' jkollu. Din it-taqsima tkun miftuħa minn nhar ta' Tnejn sas-Sibt matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju u wieħed jista' jressaq l-ilmenti tiegħu billi jċempel 24471 u 28186 fuq extensions 68 u 56 u jsaqsi għas-Sales Division.**

**Prekawzjonijiet fid-Dar**

Ikun kollu ta' xejn li l-MMU u l-aġenti tagħha jagħmlu minn kollox biex iwasslu l-ħalib frisk fi djarna. Il-mara tad-dar ukoll trid tagħmel il-parti tagħha. Dan billi:

1) meta tixtri l-ħalib tara li tpoġġieh mill-ewwel fil-'fridge';
2) il-flixken tal-ħalib qatt ma għandhom jitħallew bla tapp fuq il-bank tal-kċina u qrib is-sħana;
3) meta tispiċċa tuża l-ħalib, dak li jkun baqa' fil-flixkun għandu jitpoġġa lura fil-'fridge';
4) il-flixken vojta għandhom jinħaslu mill-ewwel bl-ilma ċar;
5) il-flixken meta jitbattlu għandhom jiġu ritornati lura mill-ewwel lil tal-'grocer' jew l-aġenti minn fejn wieħed ikun xtrahom.

**Il-ħalib u l-prodotti tal-MMU huma prodotti ġenwini li kulħadd għandu jużahom bl-akbar fiduċja għas-saħħa u l-enerġija.**


AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO
ZURICH BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT ROME
TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH LONDON AMSTERDAM PARIS
AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO
ZURICH BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT ROME
TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH LONDON AMSTERDAM PARIS
AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO
ZURICH BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT ROME
TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH LONDON AMSTERDAM PARIS
AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO
ZURICH BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT ROME
TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH LONDON AMSTERDAM PARIS
AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO DUBAI FRANKFURT KUWAIT
LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME VIENNA TUNIS
VIENNA ZURICH AMSTERDAM BRUSSELS CAIRO FRANKFURT
KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS ROME DUBAI
FRANKFURT KUWAIT LONDON MANCHESTER MUNICH PARIS
ROME TRIPOLI TUNIS VIENNA ZURICH PARIS LONDON CAIRO

AIRMALTA

# Gallerija Feniċi



**"GALLERIJA FENIĊI" — post ġdid f'Dar il-Mediterran fejn l-artisti Maltin juru x-xogħlijiet tagħhom.**

Il-Gallerija ta' l-arti — imsemmija 'Feniċi' — fid-Dar tal-Mediterran għall-Konferenzi, issa tipprovdi post għall-artisti Maltin u Għawdxin li fih huma jkunu jistgħu juru u jbigħu xi xogħlijiet tagħhom matul is-sena kollha.

Permezz ta' din il-gallerija, issa se tibda tingħata l-opportunità lill-pubbliku, lokali u dak barrani, li jara x'kapaċi joħloq l-artist Malti ta' żmienna. B'hekk, dan jagħmel kuraġġ u jiddedika ruħu aktar għax-xogħol artistiku.





*Il-President tar-Repubblika, Dr Anton Buttigieg, inawgura l-Gallerija Feniċi f'Dar il-Mediterran nhar l-Erbgħa, 12 ta' Novembru, 1980.*

Dr Buttigieg għamel diskors ta' l-okkażjoni b'messaġġ lill-artisti u l-letterali Maltin u Għawdxin u ħeġġiġhom biex jaħdmu għal paċi:—

"L-arti hija mezz biex il-bniedem jiżviluppa l-parti spiritwali tiegħu u b'hekk jogħla 'l fuq mill-livell tal-annimali. B'dan l-

iżvilupp ir-ruħ tiġi nnobilitata u twarrab is-sens tal-għilt, tal-ġlied u tal-qerda. Permezz tal-arti wkoll il-bnedmin jingħaqdu flimkien għaliex kollha għandhom fihom is-sens artistiku. U minn dan l-iżvilupp u din l-għaqda il-paċi tieħu spinta 'l quddiem.

"Intom artisti u kittieba għandkom missjoni x'taqdu: dik li titkellmu f'isem l-ispiritwalità tal-bniedem u għalhekk in-natura tagħtkom id-don mhux biss li taraw is-sabiħ aktar minn ħaddieħor imma li dan is-sabiħ tfissruh b'mod li inthom biss tafu kif.

"Aqduha sewwa u bil-qalb dil-missjoni. Iżda jiena personalment jidhirli li biex tinqeda sewwa jeħtieġ li wieħed iżomm quddiem għajnejh żewġ punti:

"L-ewwwelnett il-messaġġ tagħkom ikun mhux għalikom imma għall-poplu u jrid jiftiehem mhux biss minnkom (jew xi ftit intellettwali) imma mill-poplu. Biex jiftiehem mill-poplu jrid ikun sempliċi u mingħajr ħàfna ostentazzjoni ta' intellettwalità. Inkella flok tiġbdu lin-nies għall-arti u għall-letteratura tbegħduhom minnhom u tagħmlu l-aktar servizz ħażin lill-arti u lill-letteratura li intom tant tħobbu u tixtiequ xxerdu.

"It-tieni punt li nixtieq inressaq quddiemkom bl-umiltà kollha huwa li tkunu kostruttivi billi fil-ħajja u fl-umiltà taraw mhux biss dak li hu ikrah u ħażin u tgergru u tirvellaw jew ixxerdu l-qtiegħ 'l qalb imma taraw ukoll dak li hu tajjeb u sabiħ u tagħmlu l-qalb lill-bnedmin ħutkom biex imorru lejh.

"Il-Gallerija tal-Arti ser tkun fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, Ċentru li l-għan tiegħu hu li jġib 'l quddiem skond il-missjoni li qabdet Malta meta irrestawratu u kompliet sebħitu. Kien sens ta' għaqal li ġagħal lil dawk li waqqfu din il-Gallerija li jsemmuha "Gallerija Feniċi". Il-poplu feniċji kien l-ewwel poplu fl-istorja li għaqqad il-popli isolati tal-Mediterran mhux bil-forza imma bil-kooperazzjoni fil-kummerċ, u għalhekk jista' jissejjaħ poplu ta' paċi b'missjoni ta' paċi.

"Ejjew nagħtu l-impressjoni tajba lill-barranin li jiġu jżuru din il-gallerija li l-Maltin huma nies kostruttivi li jobgħodu l-gwerra u jħobbu l-paċi, paċi mibnija fuq il-ġustizzja, l-ftehim u l-kooperazzjoni u mhux fuq il-biża tal-armi. Jekk tagħmlu hekk tagħmlu ġid mhux biss lil Malta imma lid-dinja kollha."

L-ewwel wirja li ġiet imtella fil-Gallerija Feniċi kellha t-tema "ARTI KONTEMPORANJA MALTIJA". F'din il-Wirja ħadu sehem dawn l-artisti: Harry Alden, Caesar Attard, Norbert Attard, Esprit Barthet, Anthony Calleja, Antoine Camilleri, Pawl Carbonaro, Gabriel Caruana, Charles Cassar, Alfred Chircop, Phillip Chircop, Marco Cremona, Victor Diacono, Richard England, George Fenech, Neville Ferry, Raymond Gera, Paul Haber, Joseph Kalleja, Karmenu Mangion, Luciano Micallef, Toni Pace, Ronald Pisani, Frank Portelli, Richard Saliba, Paul Sant Cassia, Tony Sciberras u Paul Vella.

Il-Wirja damet miftuħa sal-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 1980 u l-għada il-Ministru tal-Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara fetħet żewġ esebizzjonijiet f'daqqa — waħda ta' etchings tal-Artist NAFTALI RAKUSIN u l-ewwel 'one man exhibition' ta' ALFRED CAMILLERI.

*Il-Gallerija Feniċi għandha l-bieb tagħha fi pjazza żgħira ffurmata fin-naħa ta' isfel nett tat-triqat Strada Pozzi u Sant' Ursula. Barra minn hekk tinfed ukoll mas-Sala Repubblika u mar-Restorant taċ-Ċentru. Il-Gallerija tkun miftuħa għal pubbliku mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn 10.00 a.m. u s-1.00 p.m. u l-4.00 p.m. u s- 7.00 p.m. u nhar ta' Sibt bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 p.m.*


# BALLET COURSES



Ballet Courses leading to Royal Academy of Dancing Examinations including:—

- Dance Education Syllabus
- Babies Classes
- Boys Classes and Adult Beginners

High success rate last exams

**Conducted by**

**Mary Jane Bellia A.R.A.D.**

Auditions, Registrations:

**Les Roses, Nazju Ellul Street, Gzira. Tel. 37935**




A practical ever-ready case is available for all models. Choose the complete gift outfit containing camera, Agfacolor CNS 126 film and multiflash unit for 8 flashes. An X flash cube is supplied with the 55 C model.

**That is Agfa-Gevaert**

A European group, Agfa-Gevaert started in 1964, originating from the linkup between the German company Agfa AG, Leverkusen and the Belgian firm Gevaert Photo-Producten N.V., Mortsel (Antwerp.). The three main works are in Leverkusen, Munich (Germany) and Mortsel (Belgium). There is a total of 23 production centres in Belgium, Germany, France, Portugal, Spain, Argentina, India and the U.S.A. Agfa-Gevaert products are marketed in 145 countries.

**Activities**

General photography: Amateur cameras, flash equipment, cine cameras, cine and still projectors, films, papers, chemicals, laboratory and photo-finishing equipment.
Technical photography: Document photography, medical radiography, industrial radiography, graphic processes, industrial reprography, office-copying and microfilm systems, motion picture and television films.
Magnetic tapes: Compact cassettes, reel-to-reel tapes, video tapes.

Agfa




## *HIGH PERFORMANCE PLUS DRIVEABILITY*

**HUSKY DYNA**

This husky truck's got the kind of performance it takes to handle the toughest jobs easily. Built super sturdy throughout, with a tough frame, chassis and drivetrain that assure extra durability. And everything's designed and laid out to make the driver's task easier, reduce driver fatigue, increase driver efficiency.

TOYOTA

**debono** Rohan Arch – Zebbug – Tel: 647423

# IMĠIEBA FIT-TRIQ



- Min ikun miexi fit-triq, bħal dak li jkun isuq xi karozza, irid ukoll joqgħod attent u josserva ċerti regolamenti.
- Fejn ikun hemm **bankina,** min ikun miexi jrid jgħaddi minn fuqha u mhux mit-triq proprja.
- Meta tkun miexi fuq bankina, m'għandekx timxi **fit-tarf u b'daharek lejn it-traffiku.** Tinżilx minn fuq il-bankina qabel ma tiżgura ruħek illi m'hemmx periklu li tolqtok xi karozza.
- Fejn ma jkunx hemm bankina, għandek timxi fuq **il-lemin tat-triq faċċata tat-traffiku** biex tkun tista' tara l-karozzi li jkunu ġejjin fuq in-naħa tiegħek.
- **Meta tkun qed taqsam it-triq toqgħodx titnikker** bla bżonn. Ftakar li l-karreġġjata tat-triq qegħda **l-ewwel u qabel kollox għaċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi.**
- Grupp ta' nies mixjin fuq il-karreġġjata għandhom dejjem iżommu fuq **in-naħa tax-xellug tat-triq.** Għandu jkollhom għassiesa f'distanzi addattati fuq quddiem u fuq wara u, bil-lejl, għandhom ikollhom **dawl abjad** fuq quddiem u **dawl aħmar** fuq wara.
- **Meta taqsam it-triq għandek dejjem** tuża s-'subway', **postijiet** għal passaġġ bir-riġel, 'zebra crossings' u 'traffic islands'.
- Jekk, waqt li tkun qed taqsam it-triq, tara jew tisma xi vettura riesqa fuqek, int għandek **tiddeċċiedi mill-ewwel** x'ser tagħmel u agħmel **sinjal ċar** tad-deċiżjoni tiegħek lis-sewwieq biex dan ikun jista' jipprova jevitak.
- Fejn ikun hemm 'zebra crossing', **xorta waħda għandek toqgħod attent** u tħares lejn il-lemin, lejn ix-xellug u lejn il-lemin għal darb'oħra.
- Fejn ikun hemm 'zebra crossing' maqsuma fi tnejn bi 'traffic island', **kull nofs għandu jitqies għalih.**
- Fejn ikun hemm 'zebra crossing' fil-qrib, taqsamx it-triq minn **x'imkien ieħor.**

## QARREJJA ĠODDA

Kull min jixtieq li jibda jirċievi IL-GŻEJJER li toħroġ b'xejn kull tliet xhur, huwa mitlub li jimla' din il-Formola u jibgħatha fid-**Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Kastilja, Valletta.** Tista' tibgħat l-indirizz anke ta' qraba u ħbieb barra minn Malta.

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________


EMLITE
ACCUMULATORS
The batteries that last LONGER!









INDUSTRIAL ESTATE-
MARSA
MALTA
Tel:20036
Cables:ACCUMULATORS

# MIX-XENA LOKALI

## L-GĦAJNUNA LILL-VITTMI TAT-TERREMOT FL-ITALJA



Is-Sur Joe Schembri (l-ħames mix-xellug) jippreżenta ċ-ċwievet lis-Sindku ta' Laviano.

Nhar is-Sibt, 6 ta' Diċembru, 1980 is-Sur Joe Schembri, iċ-Chargè d'Affaires ta' Malta f'Ruma ippreżenta ċ-ċwievet taż-żewġ 'pre-fabricated homes' lis-Sindku ta' Laviano, l-Inġinier Salvatore Torsiello.

Dawn iż-żewġ 'pre-fabricated homes' flimkien ma' żewġ trailers mimlija bil-kutri kienu ntbagħtu mill-Kumitat Nazzjonali għall-Għajnuna għall-Vittmi tat-Terremot fl-Italja. Sar it-tqassim tal-kutri lin-nies ta' Laviano taħt is-sorveljanza tas-Sur Joe Schembri kif ukoll tal-Konslu ta' Malta f'Napli, Dott. Michele di Gianni.

## ŻRAĠEN TAD-DWIELI LILL-KOPERATTIVA TA' L-INBID

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar, il-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, is-Sur Freddie Micallef ippreżenta 9,000 żarġun tad-dwieli tat-tip "Ruggieri" u "Paulsen" lill-Koperativa ta' l-Inbid. Il-President tal-Koperattiva, is-Sur Frans Xuereb u membri tal-Koperattiva rċevew dawn iż-żraġen f'isem il-membri bdiewa.

F'diskors li għamel waqt il-preżentazzjoni, il-Ministru qal li din is-sena d-Dipartiment ipproduċa 'l fuq minn 56,000 żarġun u li b'din il-produzzjoni d-Dipartiment seta' jilqa' d-domanda kollha tal-bdiewa mingħajr il-ħtieġa ta' importazzjoni minn barra. Il-Ministru kompla jgħid li d-Dipartiment diġa' qassam madwar 11,000 żarġun b'xejn, bħala kumpens, lil dawk il-bdiewa li kienu tilfu d-dwieli tagħhom fil-maltempata ta' Ottubru, 1979. Barra minn hekk id-Dipartiment ser iħawwel madwar 8,000 żarġun f'Kemmuna u f'Ta' Qali, fejn diġa' kienu tħawwlu żraġen is-sena li għaddiet.

Il-Ministru qal li bl-isforzi kbar biex nipproduċu aktar dwieli lokalment, din is-sena l-prezz tad-dwieli kien sejjer ikun biss £M7 kull 100 żarġun meta l-prezz taż-żraġen minn barra kien aktar mid-doppju. Il-Ministru kompla jgħid li b'dawn l-isforzi l-industrija ta' l-inbid qed tiġi mgħejjuna tant li fis-sena li għaddiet ġew esportati 'l fuq minn 1.6 miljun litru inbid b'valur ta' 'l fuq minn £M132,000.



Il-Ministru Micallef waqt il-preżentazzjoni taż-żraġen tad-dwieli.

# KOTBA BIL-MALTI IPPREMJATI



Il-Ministru Muscat jippreżenta l-premjijiet.

TA' kull sena il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jniedi konkors għall-aħjar żewġ kotba bil-Malti.

F'Ottubru li għadda l-Ministru ta' L-Edukazzjoni, Dr Philip Muscat ippreżenta żewġ premjijiet ta' tmenin lira l-wieħed lir-rebbieħa tal-konkors ta' l-aħjar żewġ kotba ippubblikati matul l-1979.

Dan il-Konkors isir bil-għan li jgħolli l-ġieħ ta' l-Ilsien Malti.

Ir-rebbieħa kienu s-Sinjuri Joe Sultana u Charles Gauci għall-ktieb *L-Agħsafar*. Il-ktieb hu ta' siwi lingwistiku għal dak li hu idjoma, kitba u struttura Maltija għaliex l-awturi ħaddmu l-ilsien Malti b'mod oriġinali u mill-aħjar biex ifissru konċetti xjentifiċi fil-qasam ta' l-ornitoloġija u speċjalment fil-mod kif iddeskrivew is-sura u d-drawwiet ta' l-agħsafar indiġeni Maltin jew li f'xi żmien tas-sena jżuru l-Gżejjer Maltin.

Ir-rebbieħ l-ieħor huwa Patri Marjanu Vella li bil-ktieb tiegħu ta' Poeżiji *Ġarġir Mal-Herża* laħaq livell letterarju għoli.


FOR SERVICE AND SATISFACTION
REFER YOUR GALVANISING REQUIREMENTS
TO
MALTA DRYDOCKS

ENQUIRIES TO:

MARKETING AND SALES MANAGER
NEW BUILDING SECTION

Tel: 822451 822491 (Ext: 308, 500)



# Stadium Nazzjonali

*L-Iskop prinċipali ta' l-Istadium Nazzjonali f'TA' QALI kien li jilqa' x-xewqa tal-pubbliku sportiv Malti li jkollu 'ground' ta' l-isports mibni fuq standard internazzjonali.*





Nhar il-Hadd 14 ta' Diċembru 1980, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport is-Sur Lorry Sant fetaħ uffiċjalment l-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali.

F'diskors ta' l-okkażjoni, il-Ministru Sant qal li l-bini ta' dan l-Istadium Nazzjonali jkompli jżid mallista twila ta' proġetti kbar u ambizzjużi mwettqa mill-Gvern Soċjalista għall-poplu Malti.

F'Ta' Qali, minbarra l-Istadium, il-Gvern kien biddel ħangar ta' l-ajruplani tal-gwerra f'Padiljun ta' l-Isports. Għad-dilettanti tat-tiġrijiet taż-żwiemel, il-Gvern, bl-għajnuna tas-sidien taż-żwiemel, qed jibni korsa ġdida fil-Marsa; u saret ukoll korsa simili f'Għawdex.

Barra l-bini u t-tmexxija ta' faċilitajiet sportivi, il-Gvern qed jinkoraġixxi kontinwament, permezz ta' għajnuniet, l-għaqdiet sportivi u sportivi individwali biex dawn ikunu inkoraġġiti jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta. Il-Gvern qed jagħti wkoll l-għajnuna tiegħu biex jiġu organizzati attivitajiet sportivi f'Malta bħalma huma kampjonati dinjija tal-billiards, taċ-ċess, tal-waterpolo u oħrajn.

Fil-Marsa, il-Gvern fetaħ iċ-Ċentru Sportiv fejn bħalissa qed jattendu aktar minn 2,000 tifel u tifla li qed jipprattikaw diversi forom ta' sports.

Il-Ministru Sant qal li dak li għamel il-Gvern fil-qasam sportiv, dan għamlu għax jemmen li l-Isports isaħħaħ u jgħin fl-iżvilupp fiżiku u morali tal-bniedem u jbegħdu millvizzji ħżiena.

L-iskop prinċipali ta' l-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali kien li jilqa' x-xewqa tal-pubbliku sportiv Malti li jkollu 'ground' ta' l-isports mibni fuq standard internazzjonali. Dan il-ground huwa bit-'turf' u madwar il-'pitch' hemm 'track' ta' l-atletika u faċilitajiet oħra għal sport ieħor bħal, 'high jump', 'long jump' u 'discus'.

L-Istadium fih erba' stands li wieħed minnhom huwa l-Grandstand li se jkun mgħammar dalwaqt b'tinda ġganteska li qed tinħadem fit-tarzna, u li taħtha se tkun tista' takkomoda 5,000 spettatur mit-total ta' 30,000 spettatur li jesa' l-Istadium kollu.

Kull wieħed mill-erba' stands li semmejna għandu post fejn wieħed jaqta' l-biljetti tad-dħul, foyer kif tidħol u faċilitajiet tat-toilets.

Il-Grandstand innifsu huwa għoli tliet sulari u qed jiġi utilizzat kollu kemm hu.

Fis-sular t'isfel tal-Grandstand hemm inkluż 'reception area', uffiċċju għall-manager u ieħor għall-pulizija, klinika, 'gymnasiun', 'dressing room', 'boiler room', u 'workshop'. Hemm ukoll aċċess għad-dħul tal-players fil-ground minn mina taħt l-art.

Is-sular tan-nofs jikkonsisti f'żewġ dħulijiet prinċipali għall-pubbliku, bar, 'toilets', kamra tal-VIP's, oħra għall-konferenzi, u kamra għall-ġurnalisti.

Is-sular ta' fuq nett se jkun jista' jintuża bħala post għal-laqgħat ta' kumitati, 'lectures', u saħansitra dormitorji. Jista' jservi wkoll bħala post għall-isport ta' ġewwa bħalma huma t-'table tennis' u billiards.

Fuq in-naħa ta' barra tal-Grandstand, b'veduta eċċellenti tal-'pitch', hemm fejn joqogħdu l-kummentaturi tat-televiżjoni u r-radju li se jkollhom faċilitajiet kemm ġo kabina apposta u kemm fl-apert.

L-Istadium għandu erba' bibien għall-ħruġ biex jiġi assigurat, li wara kull avveniment, il-folol joħorġu b'ċerta ordni.

Sadanittant, l-ipparkjar ta' karozzi, se jsir madwar l-Istadium f'area konnessa ma' sistema ta' toroq li jagħtu għal Ta' Qali minn tliet bnadi.

F'egħluq id-diskors tiegħu fl-okkażjoni tal-ftuħ ta' dan l-Istadium Nazzjonali, il-Ministru Sant irringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ħadmu u għenu fuq dan il-proġett kbir. Huwa rringrazzja b'mod speċjali lill-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff u lill-Ministri l-oħra u kif ukoll lill-ħaddiema tal-Ministeru tiegħu.

Folla kbira li ħonqot l-Istadium għal din l-okkażjoni tal-ftuħ kellha spettaklu ta' ħames sigħat sħaħ li kien jinkludi marchpast minn atleti u sportivi, marċijiet minn baned, tluq ta' ħamiem, wirja mit-tfal ta' l-iskejjel u taċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa, atletika, ġinnastika, karate, logħob għal kulħadd, 'skydiving', 'model aircraft displays' u wirja minn li Sbandieratori ta' Arezzo fl-Italja.

# IL-BIZZILLA



Imħabba l-ispinta qawwija li l-Gvern qiegħed jagħti lill-industrija tat-turiżmu, l-kummerċ fil-Gżira ta' Għawdex mexa ħafna 'l quddiem b'riżq kbir ta' l-Għawdxin kollha. Din l-industrija qegħda titfa ħafna flus fil-but tan-nies tal-post billi ftit jew wisq, minnha jibbenefika kulħadd: nies tal-lukandi, tar-restoranti, tat-traffiku, tal-bini, tas-snajja', tal-biedja, u, saħansitra, nies tal-professjoni.

**It-turiżmu huwa bħal xita ħelwa u ħanina li tinżel fuq kulħadd u taħji lil kulħadd. Iżda, fuq kollox, it-turiżmu għamel ġid bla tarf lill-industrija tradizzjonali u karatteristika t'Għawdex, jiġifieri dik tal-bizzilla. Ftit huma dawk it-turisti li, wara ż-żjara tagħhom lill-Gżira, ma jieħdux magħhom, bħala tifkira, xogħlijiet sbieħ u maħduma bir-reqqa min-nies Għawdxin. Dan il-kummerċ mhux biss serva ta' risq, iżda ta' reklam ukoll lill-Gżira tat-Tliet Għoljiet.**

Iż-żieda qawwija tal-bejgħ tal-bizzilla qajmet bosta interess fl-oriġini u fl-iżvilupp ta' dan ix-xogħol, u ħafna nies jixtiequ jkunu jafu aktar dwaru.

B'xorti ħażina, ta' qabilna ftit ħallewlna tagħrif dwar il-bidu u l-ġrajjiet ta' din l-industrija tant għażiża għall-Għawdxin kollha. Minn ktejjeb li jismu 'Bizzilla li tinħadem f'Malta u Għawdex', miktub fis-sena 1916 mill-Fundatur tad-Dar Industrijali ta' Għawdex u stampat fis-sena 1920, sirna nafu xi tagħrif interessanti dwar l-istorja tal-bizzilla. Dan ix-xogħol kien beda jissemma sa minn żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Iżda, milli jidher, mal-wasla ta' l-Ingliżi fostna, kien beda sejjer lura. Kienet Lady Hamilton Chichester li tat daqqa t'id mhux ħażin biex tirxoxta dan ix-xogħol sabiħ billi fasslitu fuq l-istil tal-bizzilla li bih tinħadem ġewwa l-belt ta' Genova.

Id-disinji Għawdxin tal-bizzilla, differenti minn dawk li kien hemm f'Malta, aktarx li kienu bdew fis-sena 1846 fuq bizzilla li kien ġab miegħu Għawdex Dun Ġwann, imsejjaħ tal-Grotta. B'dankollu, il-veru xogħol tal-bizzilla kienet bdietu waħda Għawdxija, xebba ta' dehen u intelliġenza ta' minn jammiraha, jisimha Marjanna. Din kienet tiġi bint l-Ispettur tal-Pulizija Feliċ Attard. Wara l-mewt tagħha qasir il-għomor, ix-xogħol tal-bizzilla kompla għadda 'l quddiem bis-saħħa ta' oħtha Ġenesja li kienet mietet xebba fis-sena 1909. Marjanna ħolqot disinji usa minn dawk ta' Dun Gwann, filwaqt li Genesja ħolqot disinji ġodda ta' moski. Wara dan, Regina Rapa, u n-neputija tagħha mlaqqma tal-Grieg, fetħu skola tal-bizzilla fir-Rabat t'Għawdex.

**Kienu jissemmew ħafna dak iż-żmien għax-xogħol sabiħ u fin tagħhom Karmni Grech, Ta' Ġonta, u Mikelina Xerri, Majjistra ta' L-insiġ fid-Dar Industrijali u x-xebba Grazzjulla Grech, Direttriċi ta' l-Iskola tal-Bizzilla fl-istess Dar. Mhux ta' minn jinsa lill-ulied innutar Franġisk Calleja, Ta' Piju, li kienu ħadmu il-bizzilla li l-Għawdxin kienu irregalaw lill-Papa Piju IX meta dan waqqaf id-Djoċesi t'Għawdex fis-sena 1864.**

Barra Marjanna u Ġenesja Attard, komplew żviluppaw id-disinji tal-bizzilla Għawdxija Dun Salv Bondi u Dun Gamil Cassar; u warajhom mbagħad il-pittur Klement Busuttil, mejgħun minn Mikiel, li beda jagħmilhom ta' gosti isbaħ u eħfef. Dan ivvinta wkoll fil-bizzilla t-tornetti maqsumin u t-tejjel. Fis-sena 1916 l-aħjar disinjatur li kien hawn Għawdex kien Ġorġ Mejlak, il-Kumpass. Il-fundatur tad-Dar Industrijali nnifsu kien ilu jagħmel disinji tal-bizzilla sa mis-sena 1864, meta kienu moda hafna x-xallijiet suwed maħdumin Għawdex.

Għandna wkoll l-ismijiet ta' l-ewwel neguzjanti tal-bizzilla bħalma huma Wiġi Mercieca, ta' Manwela; Toni Mejlak, tas-Sabiħa; Mikelanġ Grima, tal-Barba; Franġisk Azzopardi, tal-Ħamraman, mix-Xagħra, iżda kien joqgħod ir-Rabat; Mikiel Borg, Malti, u Salvu Micallef, Għawdxi. Dawn ta' l-aħħar armaw ħwienet magħrufin ħafna fi Triq Irjali, illum Triq ir-Repubblika, fil-Belt Valletta.

Dan it-tagħrif, għalkemm skars, jixħed dawl mhux ħażin fuq il-bidu ta' din l-industrija li llum, bis-saħħa tat-tħabbrik tal-Ministeru tat-Turiżmu, hija għajn ta' ġid u risq kbir għal Gżira tat-Tliet Għoljiet.




# SIEMENS Small Household Appliances

## Made in WEST GERMANY









A SIEMENS selection of German Small Household Appliances designed and engineered to suit your particular taste at a price calculated to keep you satisfied.

Vacuum Cleaners, Electronic Clocks, Hand Dryers, Food Cutters, Decor Toasters, Grills, Pastic Bag Seelers, Hair Dryers. Steam Irons, Smoothing Irons, Food Mixers, Fan Heaters, Hair Stylers, Tea and Coffee Machines, Coffee Grinders, Yoghurt Makers, Micro Wave Ovens, Cooker Hoods








See them at

## APLAN LTD.

34, Msida Seafront, Msida. Tel: 36556/38434
Testaferrata Street, Msida. Tel: 36556
73, St. Paul Street, Cospicua. Tel: 824535

GOZO AGENT
F.X. BORG DEPARTMENT STORES
De Soldanis Street,
Victoria. Tel. 556541.
and dealers throughout Malta and Gozo.














RAKKONT

GĦAT-TFAL

# BIEX MA JERĠAX JIDDISPJAĊIHOM

David, Noel u Joanna kulħadd kien iħobbhom għax kienu qalbhom tajba wisq. Ma kienx ikun hemm mara xiħa mgħobbija b'xi basket tqil li ma kenux imorru jġorruhulha u jwassluhulha d-dar; jew xi raġel xiħ qed jipprova jaqsam it-triq li ma kenux jitilqu kollox minn idejhom biex igħinuh jaqsam.

Anki l-ġugarelli li kellhom ma kenux jilagħbu bihom huma biss imma jħallu tfal oħra jgawduhom. Veru kienu qalbhom tajba. Imma ħej taf x'kellhom?

David kien iħobb jitgħażżen fis-sodda u joqgħod jitnikker; Joanna kienet tħobb tpaċpaċ u tlablab u Noel kien iħalli kollox għall-aħħar, u, minħabba f'hekk, dejjem jasal tard. Għalxejn kienu jgħidulhom ommhom u missierhom u t-'teachers'; u z-ziju Johnnie u z-zija Lina. . . u s-surmast il-kbir u anki Fr Joe. Minn widna kien jidħol u mill-oħra joħroġ.

Mela Fr Joe kien wiegħed lit-tfal tal-'Youth Centre' li fil-vaganzi tal-Milied kien ser jeħodhom ħarġa fil-kampanja li bħalha kienu jmorru kull sena — mixja twila lejn in-naħa ta' l-Imtaħleb.

"Dejjem", qalilhom, "jekk it-temp ikun tajjeb. Naqbdu karozza u mmorru l-Mosta; imbagħad niġbdu lejn iċ-Chadwick Lakes u minn hemm għall-Imtaħleb. Kulħadd jaħseb għall-ikel hu, u min għandu xi ħaġa tal-logħob iġibha wkoll. U aħjar tiġu b'xi żarbun ħafif bħal 'slipper' għax ser nimxu ħafna. Qisu li ġurnata qabel torqdu kmieni ħalli fil-għodu tkunu tifilħu tqumu. Niltaqgħu fis-sebgħa u kwart quddiem is-'Centre', nistennew sas-sebgħa u nofs u mbagħad nitilqu."

"U jekk tkun ix-xita?"

"Heqq! Jekk tkun ħafna xita ma mmorrux. Imma jien qabel sa nisma' r-rapport tat-temp ħa nara x'se jkollna."

"U jekk ma tkunx xita imma jkun imsaħħab?"

"Jekk ikun imsaħħab niltaqgħu xorta waħda u mbagħad nidde-ċiedu."

U dak in-nhar tal-'hike' wasal. Fis-sitta u kwart ommhom bdiet tgħajtilhom. Kien għadu d-dlam.

"David! Noel! Joanna! Qumu għax sar il-ħin. Isaw. . . ."

"Xita ma?" staqsa David.

"Le, imma jidher imsaħħab ħafna. Jaqaw ma għandekx aptit tqum?"

"Jien malajr nilbes, ma. . . .".

"Jaqbillek tqum għax il-ħin malajr itir. . . ."

"Ħa noqgħod ftit ieħor. . . .", laqlaq David waqt li kompla jid-deffes bejn il-kutri.

"Affarik. . . ."

Iżda ħutu, Noel u Joanna malajr qabżu mis-sodda u marru jinħaslu. Dak il-ħin ommhom ftakret li barra mit-torta u l-qassatat li kienet għamlitilhom il-ġurnata ta' qabel riedet tlestilhom il-ħobż biż-żejt u anki bil-perżut; u biex ma jkunx xott lil Joanna bagħtitha ġġibu frisk mingħand tal-forn tagħhom. Kieku l-furnar ma kienx joqgħod bogħod iżda fit-triq iltaqgħet ma' Rose u qabdu parlata bħal tas-soltu. Meta kienu ilhom igħidu ħafna, Joanna semgħet l-arloġġ idoqq is-sebgħa.

"Se mmur, ħi Rose, għax ommi għad trid tagħmlilna l-ħobż."



. . . . . kemm kienu ħadu pjaċir sħabhom.

Ommha kienet qed tistennieha fil-bieb.

"Kemm domt?! Ma tafx kemm għad irrid inqatta' ħobż? Jaqaw iltqajt ma' xi ħadd?"

"Għax Rose bdiet tgħidli. . . ."

"Qed nara jien!" qatgħetilha kliemha ommha.

"L-oħrajn lesti?"

"Noel kieku ilu li niżel imma ma nafx x'inhu jfittex. . . Dak dejjem iħalli kollox għall-aħħar. . . . Għandu jkun qed ifittex il-kopp biex jaqbad iż-żrinġijiet. . . ."

"David qam?"

"Ma nafx. . . ."

"Imissu għadu rieqed." qalet Joanna.

"Int itla' fuq u ara. Tgħidli qalbi taf x''hike' sejrin. ."

X'ħin telgħet fuq, Joanna ma skantatx ftit meta sabet lil David imkebbeb qalb il-kutri fl-isbaħ raqda. "Dave, qum! Is-sebgħa u kwart. Qum għax mhux se nilħqu . . "

"Eh! X'ħin hu? Is-sebgħa u kwart?" staqsa David nofsu rieqed. "Kif jista' jkun? Għadhom kemm kienu s-sitta u nofs . . . ." U kif qal hekk tar mis-sodda u qabad jilbes ħwejġu b'l-addoċċ. Fil-fixla la beda jara peduni u lanqas żraben.

"Intom lesti?" għajtet ommhom minn isfel. "Tafu li s-sebgħa u nofs se jdoqqu. Għaġġlu għax ma tilħqux."

"Il-kopp. . . Min minnkom missli l-kopp?" staqsa Noel li kien għadu jqalleb fil-kamra ta' l-imbarazz.




"Int jekk ridt il-kopp għax ma fittixtux il-bieraħ? Mhux dejjem tħalli għall-aħħar. Issa l-kopp ħallih u morru mingħajru għax se tibqgħu l-art."

"Is-'sir' iridni neħodlu ż-żrinġijiet. . . ."

"Ħallik miż-żrinġijiet. Inżel minn hemm għax mhux se tilħqu."

"Hawn hu! Sibtu!" għajjat f'daqqa waħda Noel. U kif qal hekk niżel it-taraġ sitta sitta.

"Issa, ara, ħobż għandkom tliet pakketti, wieħed kull wieħed. Torta biex taqsmuha u għandkom sitt qassatat kbar ħalli tieħdu tnejn kull wieħed. Għandkom il-laring u żewġ fliexken ilma. Morru, kunu mberkin u oqogħdu sewwa. Ara ma tkorrux. Roddu s-salib. . . ."

U t-tlitt itfal ħarġu jiġru b'kemm kellhom saħħa. Minbarra l-affarijiet ta' l-ikel David kellu ballun, Joanna ħabel u Noel il-kopp. Kif daru l-kantuniera l-arloġġ tal-knisja daqq is-sebgħa u nofs.

"M'aħniex se nilħqu" qalet Joanna, "kollu tort tagħkom,"

"Tort ta' Noel" qal David.

"Jew tiegħek" wieġbu Noel, "mhux int bqajt rieqed?"

"U int qgħadt tfittex il-kopp."

"Ara, ħallikom mill-ġlied. Forsi għadhom ma telqux" sikktithom Joanna.

Iżda meta waslu quddiem is-'Centre' ma kien jidher ħadd.

"Qed tara? Telqu!" qalet Joanna kważi bid-dmugħ f'għajnejha.

"Forsi ma marrux għax rawh imsaħħab. . . ." qal David.

Ma kenux jafu x'se jaqbdu jagħmlu.

Dak il-ħin għadda wieħed li jafhom u x'ħin rahom mgħobbijin qalilhom: "Mela bqajtu reqdin? M'ilhomx li telqu. Ħasbu li m'intomx ġejjin."

It-tlitt aħwa baqgħu jħarsu ċass lejn xulxin. "Tridx immorru l-Belt waħedna?" qal Noel. "U jekk ma nsibuhomx?" wieġbu David. Jien m'inhiex ġejja" qalet Joanna.

"Kollu mħabba fik u Noel. . . ." beda David.

"Jew minħabba fik . . . ."

U reġgħu bdew iwaħħlu f'xulxin.

Iżda issa kien kollu ta' xejn. Il-ħin kien sar u sħabhom kienu ħallewhom warajhom. Ma setgħu jagħmlu xejn ħlief idawru denbhom u jmorru lura lejn id-dar. X'ħin rathom ommhom tgħidx x'għamlitilhom. "Ma lħaqtuhomx hux? Ma għidtilkomx jien? Lanqas ħaqq ix-xogħol li tajtuni. . . ."

"Kollu mħabba Noel, ma. . . ."

"Ara, isa, twaħħlu xejn f'Noel. It-tlieta li intom għandkomtort. Joanna minħabba t-tlablib; għax kieku l-ħobż kien ikun lest qabel; int, David, imħabba l-għażż u t-tnikkir; u int Noel għax bħas-soltu ridt issib il-kopp fl-aħħar minuta. It-tlieta li intom għandkom tort. U t-tlieta li intom se tbatu. Forsi fl-aħħar titgħallmuha l-lezzjoni."

Kemm iddispjaċihom talli kienu tilfuha din il-ħarġa. U aktar u aktar iddispjaċihom meta l-għada raw ir-ritratti ta' sħabhom u bdew jisimgħu kemm kienu ħadu pjaċir. Iżda l-lezzjoni kienu tgħallmuha. Joanna ddeċidiet li ma tibqax tlablab u tpaċpaċ kull fejn tkun. David qatagħha li ma jitnikkirx iżjed fis-sodda; u Noel li ma jħallix aktar għall-aħħar. It-tlieta taw kelma fil-bidu tas-sena. U kien biħsiebhom iżommuha. . . . Biex ma jerġax jiddispjaċihom.

# IT-TARBIJA TIEGHEK

It-trabi jirreaġixxu għal mard b'mod differenti ħafna milli nagħmlu aħna l-kbar.

L-ewwelnett, it-trabi jomordu malajr ħafna aktar minna l-kbar, imma mill-banda l-oħra huma għandhom tendenza li jfiequ aktar malajr.

Ikun hemm okkażjonijiet meta l-omm ma tkunx taf jekk it-tarbija tagħha tkunx qegħdha tibki għax tkun tassew marida. Għax jista' jkun li t-tarbija tkun qed tibki għax tkun xi ftit ma tiflaħx jew inkella għax tkun sempliċement imdejqa.

Bħala regola, jekk it-tarbija ma jkollhiex deni, u tkun qegħda f'aptitha, u tkun tipporga normali, int għandek iżżomm għajnejk fuqha u ma għandekx tinkwieta. Jiġri ta' spiss li raqda tajba ġġibha lura għan-normal.

Ċertu ammont ta' biki huwa normali u ma jagħmel ebda ħsara lit-tarbija. Xi wħud mit-trabi jibdew jibku għax minn ħin għall-ieħor ikunu jridu attenzjoni; u meta xi ħadd jerfagħhom u jżiegħel bihom malajr dawn jieqfu mill-biki.

Il-biki fit-trabi, ħafna drabi jkun mezz ta' komunikazzjoni, flok' il-kliem, biex dawn juru li jkun jonqoshom xi ħaġa.

Kif għidna, it-trabi jistgħu jibku għax ma jkunux qed iħossuhom komdi, bħal meta, ngħidu aħna, jkunu jridu xi ħasla. Tarbija li tkun qed tibki jista' jkun ukoll li tkun qed tħoss ħafna bard jew ħafna sħana skond il-każ. Hawn ta' min ifakkar, li, kontra l-kbar, it-trabi ma jadattawx ruħhom malajr għal tibdil f'daqqa tat-temperatura. Kultant, ilbies u kutri ma jkunux biżżejjed biex jipproteġu lit-trabi minn kamra li tkun tassew kiesħa. Jekk it-tarbija tkun kesħet, libbisha par kalzetti tas-suf fuq xulxin u żidilha kutra oħra — dan aħjar minn ħafna ilbies ta' ġersijiet wieħed fuq l-ieħor li jistgħu jirrestrinġu l-moviment naturali tat-tarbija bil-konsegwenza li, barra li jagħmlu ħsara, din tiddejjaq u tinfexx f'bikja.



Min juża 'hot water bottle' qis li dan ikun imgeżwer u ma jkunx f'kuntatt dirett mat-tarbija.

Biż-żmien, l-omm tista' tibda tagħraf mill-biki, dak kollu li t-tarbija tkun trid tesprimi.

Bikja ta' ġuħ hi differenti minn waħda ta' nagħas; il-bikja ta' l-uġiegħ hi qawwija u bikja ta' skonfort hi pjuttost waħda ta' qrid.

Mill-banda l-oħra, bikja għall-attenzjoni tkun x'aktarx mitfija u tinduna biha mill-ewwel

# Franco

FACCHETTI & SONS FOOTWEAR LTD.

Middlemen Street,
Marsa
Tel. 620914



*We are the people who can give your feet a Touch of Class. Test for yourself by having a look at our Spring/Summer Selections*

*Now on display at:*
**182, STRAIT STREET, VALLETTA Tel. 22034**


— għax, meta tersaq lejn it-tarbija, din mill-ewwel tieqaf. Però, jekk int tkun trid li dan it-tip ta' biki ma jsirx drawwa, l-aħjar li tagħmel hu li int tersaq lejn it-tarbija bi tbissima, xi kelma ħelwa u forsi xi bidla ta' ħarqa u ta' pożizzjoni — sakemm it-tarbija tikkalma u int tkun tista' tħalliha waħedha bla ma toqgħod ter-fagħha kull darba.

Meta ssejjaħ lit-tabib? Hafna drabi jiġri li t-tarbija tiegħek timrad f'daqqa waħda. Tistenniex ħafna qabel ma ssejjaħ lit-tabib meta jkun hemm sintomi bħal dawn:

Ċerta irritabbilità, biki qawwi u ma jaqta' xejn; rifjut tal-flixkun għal ħafna drabi; vomtu jew diarrea; imnifsejn imxarrbin; nifs mgħaġġel bil-ħsejjes; sogħla; deni 'l fuq minn 101 grad; kulur mhux normali; kesħa; xi konvulżjoni; u xi raxx.

Sakemm tistenna li jasal it-tabib, żomm it-tarbija kwieta u fis-sħana. Warrab it-tfal l-oħrajn minn ħdejha u żomm it-tarbija f'dirgħajk jekk din tħossha aktar komda. Jekk it-tarbija għandha d-diarrea tagħtiha xejn ħlief xi ftit ilma b'kemm kemm zokkor. Jekk tkun qed tivvomta tagħtiha assolutament xejn.

Jekk it-tarbija m'għandhiex dawn is-sintomi li semmejna, agħtiha tixrob kemm trid; għax il-likwidu, f'każ ta' mard, huwa aktar ta' bżonn minn ikel solidu. Jekk it-tarbija jkollha d-deni, żommilha rekord kull 4 sigħat. Jekk hemm diarrea, ħu nota tal-kulur, għamla u kemm-il darba. Rigward il-vomtar, it-tabib ikun irid jaf kif it-tarbija tkun għamlet dan. Dan kollu jgħin biex meta jasal it-tabib jista' jsib minn x'hiex qed tbati t-tarbija tiegħek u jwassal għall-fejqan tagħha.


**USE THE BEST**
Choose **QUALITY** and **PRICE**

Take **CMP**
from all leading Ironmongery stores




**CMP LTD**
MILL STREET, QORMI
TEL 43052
Head Office: TEL. 624874



# IL-MODA

*Libsa ideali għal taħt il-'coat'. Din hi tal-flanella griża (ġeneralment dan id-drapp jinstab għand min ibiegħ id-drappijiet ta' l-irġiel), bla għonq u maqfula bil-buttuni fuq ġenb wieħed. Iċ-ċintorin hu aħmar pariġġ il-'hand-bag' u ż-żarbun*

## IX-XOGĦOL TAR-RATTAN

**Mod sabiħ kif tirranġa d-dar.**

Ix-xogħol tar-rattan — jew kif jafuh ħafna 'tal-qasab' — huwa mod ideali li bih wieħed jista' jgħammar id-dar tiegħu b'nefqa relattivament żgħira u b'mod oriġinali u tassew sabiħ.

Bir-rattan isiru kull xorta ta' oġġetti għad-dar — minn banketta sa l-akbar gwardarrobba.

Dan ix-xogħol tal-qasab ilu jsir minn żmien żemżem u għall-ewwel kien jiġi minn pajjiżi tal-Lvant. Wara, bil-mod il-mod, beda jinħadem f'xi pajjiżi fl-Ewropa, sakemm, minn xi 10 snin 'il hawn sar tant popolari li beda jinħadem ma' kullimkien. Hawn Malta, dan ix-xogħol tar-rattan jinħadem kemm għall-konsum lokali u kif ukoll għall-esportazzjoni.



*Mejda ta' l-ikel rettangolari. Għandha l-wiċċ tat-tibna minsuġa u s-saqajn huma magħmulin mir-rattan oħxon. Is-siġġijiet ngħataw xeħta orjentali*

# TISJIR

### CHARLOTTE TAĊ-ĊIKKULATA

**Ingredjenti:**

Dixx għoli li jesa' litru, midluk biż-żejt
250 g gallettini (fingers)
tazza xorb skond il-gosti tiegħek

Għall-krema taċ-ċikkulata:

250 g ċikkulata błex tħollha
100 g butir
5 abjad tal-bajd
250 g zokkor

Biex iżżejjen:

Żewġ kartuniet krema friska
mgħarfa zokkor u
ftit 'icing sugar'



**Metodu:**

Lesti l-krema; ħabbat l-abjad tal-bajd sakemm jagħqad sew. Poġġi z-zokkor ġo kazzola, bexxu bi ftit ilma u sajru sakemm isir ġulepp magħqud. Ferra l-ġulepp fuq l-abjad tal-bajd, bil-mod il-mod u kompli ħabbat sakemm it-taħlita tkun fietla. Żid iċ-ċikkulata li tkun ħallejt, u l-butir li tkun ħallejt, u berridhom. Il-krema tkun lesta meta tkun lixxa u magħquda. Ikollok bżonn nofs il-krema għall-mili u l-kumplament biex iżżejjen. Issa poġġi saff gallettini fid-dixx u ferrixhom bix-xorb li tkun żidtlu ftit ilma miegħu. Ferra ftit krema, u erġa' poġġi saff gallettini. Kompli hekk bl-aħħar saff bil-gallettini kemm kemm jisporġu 'l barra mix-xifer. Poġġi platt fil-wiċċ u ippressa 'l isfel. Poġġi piż fuq il-platt u ħalli fil-'fridge' għal 12-il siegħa. Qabel ma sservi aqleb iċ-'charlotte' wiċċa'l isfel. Idlek il-gallettini li jkun baqagħlek bil-krema taċ-ċikkulata u poġġihom bil-wieqfa mad-dawra. Żejjen bil-krema taċ-ċikkulata li jkun baqagħlek u mbagħad bil-krema friska li tkun ħabbat ma' ftit zokkor sakemm għaqdet. Ferrex ftit 'icing sugar' fil-wiċċ.






# SPTAR TAL-MATERNITÀ



F'Settembru li għadda, l-ħaddiema tal-Ministeru tax-Xogħlijiet, flimkien ma' oħrajn tal-kuntrattur, lestew ix-xogħol fuq l-Isptar il-Ġdid tal-Maternità li, bħall-Isptar Karen Grech, issa jifforma parti millkumpless ta' l-Isptar Ewlieni ta' Malta — San Luqa.

## *SPTAR ATTREZZAT BL-AHJAR FAĊILITAJIET LI TOFFRI L-MEDIĊINA*



Infatti, minn nhar is-Sibt, 27 ta' Settembru, 1980, f'dan l-Isptar il-Ġdid tal-Maternità ddaħħlu l-ewwel nisa li kienu qed jistennew tarbija. B'hekk tbattlet it-taqsima tal-maternità mill-Isptar San Luqa u nkiseb aktar spazju prezzjuż f'dan l-Isptar ewlieni f'Malta.

Fejn qabel, id-diversi swali in konnessjoni mal-maternità kienu

mxerrdin ma' l-Isptar San Luqa kollu, issa dawn il-każi kollha qegħdin miġbura f'dan l-Isptar Ġdid.

Ix-xogħol kien inbeda f'Jannar 1976. Il-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet ħadu ħsieb ix-xogħol ta' l-injam, elettriku u madum. Xogħlijiet oħra saru mill-kuntrattturi.

L-Isptar tal-Maternità huwa mqassam fi tliet sulari u jesa 160 sodda.

Fl-ewwel sular hemm it-taqsima tal-ġinekoloġija; fit-tieni sular hemm it-taqsima ta' qabel it-twelid ('ante-natal') u l-'labour wards'; fil-waqt li fit-tielet sular hemm it-taqsima ta' wara t-twelid ('post-natal') u 'nursery' għat-trabi.

Dan l-Isptar il-Ġdid huwa spazjuż biżżejjed biex l-ommijiet fejn qabel kienu jintbagħtu d-dar wara jumejn, issa jistgħu joqogħdu aktar.

Fit-Taqsima tal-Ġinekoloġija, nbniet unit apposta ta' 'isolation'. Fis-sular ta' l-'ante-natal' inbnew seba' 'labour units'. Dan ifisser li, jekk ikun hemm bżonn, seba' ommijiet ikunu jistgħu jwelldu f'daqqa. F'dan is-sular inbena wkoll teatru ta' l-operazzjonijiet għal każi serji. Fil-qrib hemm ukoll kamra li sservi ta' unit ta' 'isolation' għat-trabi li jitwieldu fi ħlas diffiċli.

Fis-sular ta' fuq nett hemm 'nursery' li tesa 28 nieqa u sitt inkubaturi. Ma' din hemm annessa kamra li sservi bħala kċina fejn jitħejja l-ħalib għat-trabi. Din in-'nursery' inbniet b'mod li tkun tista' tinqasam f'żewġ partijiet f'każ li jkun hemm xi infezzjoni.

L-Isptar kollu hu ffurmat minn 6 swali — tnejn f'kull sular. Dawn inbnew f'forma ta' 'elle' u l-kmamar kollha jħarsu fuq in-naħa ta' Tal-Pietà. F'kull sala hemm 'central nurse station' minn fejn l-infermiera jkunu jistgħu jikkontrollaw dak li jkun jiġri fis-sala tagħhom.

Bil-bini ta' dan l-Isptar attrezzat bl-aħjar faċilitajiet li toffri l-mediċina f'dan ir-rigward, il-Gvern irnexxielu jpoġġi l-kumpless ta' l-Isptarijiet f'San Luqa fost l-aqwa sptarijiet li nsibu fl-Ewropa.






# IT-TROBBIJA TAN-NAĦAL

Fost il-mijiet ta' insetti li jeżistu fin-natura, forsi l-aktar insett li huwa ta' benefiċċju għal bniedem huwa n-naħal.

In-naħal, mhux biss jagħtina l-għasel iżda wkoll jagħmel id-dakra li hija tant importanti għas-siġar tal-frott u ħxejjex oħra.

Mingħajr id-dakra, siġar tal-frott bħal tuffieħ, lewż, pruna u siġar taċ-ċitru, ma jistgħux ikollhom frott bnin.

**Il-Gżejjer Maltin minn dejjem kienu magħrufin għan-naħal u l-għasel. L-isem Malta huwa derivat mill-isem antik Melita; mill-kelma Griega 'Meli' li tfisser naħla, jew mill-kelma Latina 'Mele' li tfisser għasel.**

Huwa ta' min ifakkar, illi missirijietna kienu semmew wieħed mill-isbaħ widien tagħna 'Wied il-Għasel'.

Id-Dipartiment tal-Biedja għandu diversi postijiet fejn irabbi n-naħal. Fost dawn hemm dak tal-Connaught li jinsab taħt is-swar ta' l-Imdina.

F'dan il-post hemm madwar 80 kaxxa tan-naħal. Fil-kaxxa n-naħal ikun dejjem iħabrek jitma liż-żgħar tiegħu, jaħżen il-'pollen' u l-għasel, inaddaf ix-xegħda, jagħmel xama' ġdida biex jissiġilla l-għasel li jkun immatura, u kif ukoll biex igħatti d-duqqajs u jagħmel l-għassa biex ma jidħolx naħal barrani u annimali żgħar oħra.

**L-għasel ta' Malta huwa prinċipalment dak tas-silla li jinġabar f'Mejju u dak tas-sagħtar li jinġabar f'Awissu. Is-silla titkabbar l-iżjed lejn in-nofsinhar ta' Malta waqt li s-sagħtar jikber l-iżjed qalb il-blat fit-tramuntana bħall-Mellieħa, l-Imtaħleb u Kemmuna.**

B'kollox in-naħal igħix għal madwar 6 ġimgħat. Fl-ewwel 3 ġimgħat huwa jagħmel xogħol ġol-bejta tiegħu filwaqt li l-aħħar żmien ta' ħajtu hu jqattgħu f'xogħol barra mill-bejta. Minn fejn isib, in-naħal iġorr in-nettru tal-fjuri u l-ilma fl-istonku tiegħu u d-dakra tal-fjuri u l-gomma tas-siġar ma' saqajh ta' wara.

In-naħla għandha sistema ta' trasport effiċjenti għaliex kapaċi ġġorr tagħbija ta' dawn il-prodotti kollha daqs it-toqol tagħha. B'paragun l-aktar ajruplan effiċjenti kapaċi jġorr biss tagħbija daqs il-kwart tat-toqol tiegħu.



Kaxxi apposta bin-naħal jitrabba fihom fuq tilari li jistgħu jinqalgħu.

Kif għidna, in-naħal jaħdem l-għasel fil-kaxxa tiegħu. F'kull kolonja tan-naħal ikun hemm reġina waħda biss li tkun l-omm tan-naħal kollu.

In-naħal jagħmel u jaħżen l-għasel għall-użu tiegħu. Meta aħna neħdulu l-għasel ikollna nagħtuh iz-zokkor floku.

Bejn Marzu u April, in-naħal jitkattar billi jofroħ. Dan ifisser li ferħ naħal mill-kolonja jitlaq għal rasu u jmur biex igħammar f'xi post ieħor. Meta jitlaq xi ferħ naħal, dan għall-ewwel ikun qisu mitluf sakemm jissetilja f'post adattat. Allura dan tarah jinġema' gozz ma' xi zokk ta' siġra, qisu qed jistrieħ sakemm ifittex xi post permanenti.

**Ħadd ma għandu jibża' minn xi ferħ naħal jew jagħmillu ħsara. Min isib xi ferħ bħal dan għandu jgħid lil xi ħadd li jrabbi n-naħal biex jiġi u jiġbru.**

Fl-antik in-naħal kien ikun imrobbi ġo qliel tal-fuħħar. Illum, kif għidna, jintużaw kaxxi apposta bin-naħal jitrabba fihom fuq tilari li jistgħu jinqalgħu wieħed wara l-ieħor u b'hekk in-naħal jidher xi jkun qed jagħmel.

Kif it-tilari jinħarġu minn ġol-kaxxi l-għasel ikun issiġillat. In-naħal ikun issiġilla l-għasel wara li jkun rewwaħlu bi ġwenħajh u ħallielu biss mhux iżjed minn 17 fil-mija ta' l-ilma.

Biex jiġi estratt l-għasel, l-ewwel 'jinqala' s-siġill permezz ta' sikkina ta' l-elettriku jew furketta apposta. Meta jitneħħa s-siġill, it-tilar jitpoġġa bl-għasel b'kollox ġo estrattur jew smellatur li permezz ta' dawrien qawwi l-għasel kollu joħroġ minn ġo toqob li jkunu mal-ġenb, jaħbat mat-tank u jinżel fil-qiegħ.

Wara li dan l-għasel igħaddi minn ġo filtru biex jissaffa jiġi ibbottiljat f'vażetti apposta.

**L-issiġillar ta' dawn il-vażetti huwa importanti għax l-għasel jiġbed l-umdità ta' l-arja u jista' jibda jiffermenta. Fil-fatt l-għasel issiġillat jista' jdum għal snin twal ħafna.**

Bħala ikel, l-għasel hu tajjeb għal kulħadd imma l-aktar għax-xjuħ, morda u trabi peress li jiġi diġerit mill-istonku aktar malajr minn ikel ieħor u jagħti enerġija ta' malajr. L-għasel fih ħafna minerali bħal ħadid, putassa u 'calcium'; u fih ukoll il-vitamini 'B' u 'E'. L-għasel tajjeb bħala kura għal sogħla, irjiħat, artrite u rewmatiżmu waqt li jgħin lill-qalb u l-funzjoni tal-kliewi.

# L-ELETTRIKU



Qatt tmiss apparat ta' l-elettriku b'idejk imxarrbin.

Tkun ħaġa tajba li fejn hu possibbli l-apparat, bħal ma hi l-kitla, jkun bil-plug maqlugħ meta taqbdu.





Ebda apparat ta' l-elettriku li jinġarr ma għandu jintuża fil-kamra tal-banju.

Apparat bħal ma hu 'hair dryer' għandu jintuża fi kmamar oħra fejn ma hemmx periklu ta' ilma.






Qatt tidħol fis-sodda bil-kutra ta' l-elettriku tixgħel.

L-aħjar illi l-kutra mhux biss tkun mitfija imma anke bil-plug maqlugħ.







Qatt tuża 2-pin plugs.

Ara li kull 2-pin plug jinbidel ma wieħed bi tliet pins qabel tuża l-apparat.





L-użu ta' ħafna adapters fuq l-istess 'socket' jista' jagħmel il-ħsara u jkun ta' periklu.

Fejn hu possibbli uża socket għal kull apparat.



# Jitkellem l-Avukat

***Dawn huma tweġibiet għal każi ġenerali u għalhekk f'kull każ partikulari wieħed għandu jieħu parir legali.***

*Għandi fond (dar) mikri, bi ġnien kbir mat-triq. Nista' nieħu lura parti mill-ġnien biex niżviluppah għall-bini? Diġà avviċinajt lill-kerrej u ma jridx iċedi parti mill-ġnien, għax qal li l-post krieh kollu kemm hu (£M12 fis-sena!).*

La l-ġnien hu parti mid-dar u jifforma kirja waħda mad-dar, is-sid ma jistax jieħu mill-ġnien, anqas għall-bini. Jekk inti tieħu lill-kerrej parti mill-ġnien, inti tkun qed tbiddel l-għamla tal-fond mikri, u dan imur kontra dak li jiddisponi l-artikolu 1636 tal-Kodiċi Ċivili.

*Jien noqgħod f'mezzanin, u fuq il-bejt tiegħi għandi mwaħħal 'aerial' tan-nies li joqogħdu taħti. Kien diġà hemm meta dħalt fil-post. Kemm-il darba kellhom bżonn isewwu xi ħaġa fih u qaluli, jien dejjem tellajthom. L-aħħar li telgħu, sabu lill-mara biss id-dar. Qalgħu l-'aerial' minn fejn kien imwaħħal u poġġewh f'post ieħor, dejjem fuq il-bejt tiegħi. Marti qaltilhom biex ma jaqilgħu xejn mingħajr il-kunsens tiegħi, però huma njorawha u għamlu li riedu. Barra dan ħallew ħafna mbarazz li kelli nneħħih jien.*

*Dan l-aħħar kellhom bżonn jitilgħu jirranġaw l-'aerial', imma meta qaluli, jien ma tajthomx permess.*

*Ftit ġranet wara, irċevejt ittra mingħand l-avukat tagħhom fejn qali li ottjena l-permess mingħand is-sid tiegħi, biex jitilgħu għandi, jekk le, jittieħdu proċeduri kontra tiegħi. Jiena xorta waħda ma tellajthomx, għax jidhirli li f'dari ndaħħal lil min ikolli pjaċir bih.*

*Għamilt sewwa ma daħħalthomx? Hemm xi liġi li tgħid li għandhom dritt jitilgħu mingħajr il-permess tiegħi? Jistgħu jittieħdu passi kontra tiegħi jekk nibqa' nirrifjuta?*

Bħala kerrej tal-mezzanin, inti m'intix obbligat tħalli lill-ġar iwaħħal 'aerial' tat-television fuq il-bejt tiegħek, u s-sid anqas jista' jobbligak.

Però hemm kontra tiegħek il-fatt li l-'aerial' kien ġa hemm meta inti dħalt fil-mezzanin, u pont bħal dan jista' jiġi diskuss fil-Qorti.

Fuq kollox ma ninsewx li, bejn il-ġirien, aħjar ikun hemm relazzjonijiet tajba.

Biex jitla' fuq il-bejt tiegħek, il-ġar irid ikollu l-permess tiegħek. M'għandux jitla' kif u x'ħin irid, imma bi ftehim miegħek. Anqas is-sid ma jista' jidħol fil-fond mikri mingħajr il-permess tal-kerrej.

*Hadt dar, b'kera xi sittax-il sena ilu. Id-dar ma kienetx dekontrollata; imma ġiet dekontrollata snin wara li dħalt jien. Issa s-sid irid igħollili l-kera skond l-għoli tal-ħajja; Jista'?*

Kieku d-dar kienet ġa dekontrollata meta inti krejtha, is-sid kien ikun jista' jgħolli meta jiġi biex iġeddidlek il-kera, skond l-Att XXIII tal-1979. Imma la meta dħalt id-dar ma kienetx dekontrollata, ma jistax.

*Jiena kont ħadt dar fejn noqgħod b'kera. Qabel dħalt iffirmajt skrittura privata fejn aċċettajt il-kera ta' £M.... fis-sena għal 15-il sena u obbligajt ruħi li, matul dawn il-15-il sena, ma nġibx il-Board. Issa qed jidhirli li l-kera għoli wisq. Jiena nista' nġib il-Board? Id-dar mhix dekontrollata.*

Iva, tista', avolja intrabatt li ma titlobx traħħis tal-kera. U dan, skond l-artikolu 16 tal-Kap 109 (*Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini*); u dan il-prinċipju ġie kkonfermat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar 1945.

*Meta jiena u ħuti qsamna il-wirt li ħallewlna l-ġenituri, il-flus inqasmu indaqs, u il-bini bix-xorti. Jiena missni dar u għall-ewwel kont kuntent. Wara ittendejt li d-dar li messet lili tiswa ħafna inqas mis-sehem li suppost li jmissni. Nista' nagħmel xi ħaġa biex niġi ndaqs ma' ħuti?*

Skond l-Artiklu 551 tal-Kodiċi Ċivili (emendat bl-Att LVIII tal-1975), jekk missek inqas minn tliet kwarti tal-valur ġust ta' sehemek, għandek dritt għad-differenza fi flus, basta ma jkunux għaddew sentejn mill-qasma.

*Il-ġenituri tiegħi ħallewli terran bħala prelegat, bi ħlas talli dort bihom u servejthom. Wara t-testment, huma bnew sular fuq it-terran. Issa, wara l-mewt, ġejna għall-qasma. Jiena jmissni it-terran biss, jew is-sular ta' fuqu wkoll?*

Imissek it-terran biss, għax hu biss imsemmi fit-testment. Kieku l-ġenituri tiegħek riedu jħallulek anki s-sular ta' fuq, kienu jridu jagħmlu testment ġdid. Dan, skond l-Artikolu 745 tal-Kodiċi Ċivili.

*Jiena iżżewwiġt ma' raġel armel li għandu t-tfal. Dawn qegħdin iħabbtuh. Ir-raġel, biex iserraħli xi ftit rasi, jixtieq ibiegħli d-dar fejn noqgħodu, li ma tidħolx fil-komunjoni ma' martu l-mejta, għax kienet tiegħu qabel ma żżewwiġha. Jista'?*

Le; bħala regola, il-liġi ma tippermettix bejgħ bejn raġel u mara miżżewġin ma' xulxin. Anki donazzjoni bejn miżżewġin hija nulla. Biex isir bejgħ jew donazzjoni bejniethom, hemm bżonn l-awtorizzazjoni tal-Qrati (Artikolu 1416 tal-Kodiċi Ċivili).

*In-nanniet tiegħi ħallew lil missieri esekutur testamentarju. Meta mietu t-tnejn, missieri beda dak li kien hemm bżonn biex it-testment tan-nanniet jitwettaq; iżda ftit wara huwa miet. Billi aħna għandna tifel fil-familja (għax l-oħrajn kollha bniet) dan ippretenda li hu jkun l-esekutur testamentarju flok missieri. Jista'?*

Le. L-Artikolu 811 tal-Kodiċi Ċivili igħid; "Il-karika ta' l-esekutur ma tgħaddix fil-werrieta tiegħu".

DREAMPAEDIC
HEALTH MATTRESS

DREAMLAND
FOLDING CHAIR









DREAMLAND
GARDEN FURNITURE

DREAMLAND
UPHOLSTERY

GUARANTEED

**DREAMLAND**

**BEDDING CO. LTD.**

**FACTORY:-**
**ST. LAWRENCE STREET,**
**B'KARA, MALTA.**
**TEL: 40345**

**SHOWROOM:-**
**397, FLEUR DE LYS RD.,**
**B'KARA, MALTA**
**TEL: 40345**




DOI MALTA
Maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

© Perfecta Advertising 1980

# DAR IL-MEDITERRAN GĦALL-KONFERENZI VALLETTA

Suppliment *il-Gżejjer*






EUROPA NOSTRA

DIPLOMA OF MERIT
1979

VALLETTA

*awarded for the superb restoration of the Sacred Infirmary of the Knights of St. John of Jerusalem and its adaptation for use as a Mediterranean Conference Centre.*

Għaddew sewwa sew sentejn mid-data memorabbli tal-11 ta' Frar 1979 meta bl-ogħla sens ta' kburija il-President Anton Buttigieg fetaħ uffiċjalment **Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.** Hekk seħħet wegħda oħra tal-Gvern Soċjalista Malti li jbiddel is-Sacra Infirmeria ta' żmien il-Kavallieri minn post mitluq, żdingat u nofsu mwaqqa' u jagħmlu ġawhra ta' Ċentru għall-Konferenzi li jpoġġi lil Malta f'post ta' l-unur ma' pajjiżi oħra ħafna akbar minnha.

Din il-bidla tant ġiet apprezzata minn pajjiżi barranin li Dar il-Mediterran kisbet għal Malta d-Diploma tal-Meritu ta' l-Ewropa Nostra fejn l-iskrizzjoni tgħid li din ġiet mogħtija għal-**'Restawr Majestuż fis-Sacra Infirmeria tal-Kavallieri ta' San Ġwann u l-bidla tagħha f'Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi'.**

Kienet l-ideja oriġinali tal-Prim Ministru Mintoff flimkien ma' l-inizjattiva tal-Ministru Sant u l-ħila tal-moħħ u d-dirgħajn tal-ħaddiem Malti li wasslu biex Dar il-Mediterran mhux biss tiġi restawrata b'mod li jixraq il-wirt kulturali tagħha, iżda li kontra kull previżjoni ta' esperti barranin din tlestiet fiż-żmien stipulat biex fiha tiftaħ l-ewwel laqgħa internazzjonali jumejn wara — 13 ta' Frar 1979.



Il-Bandiera Maltija tperper fuq il-faċċata ta' DAR IL-MEDITERRAN filwaqt li bandieri barranin juru l-attivita fiċ-Ċentru.



DAR IL-MEDITERRAN tista' tintuża ukoll minn ditti kummerċjali għal-laqgħat tagħhom.

Verament kienet ħaġa xierqa li l-laqgħa li inawgurat l-użu ta' Dar il-Mediterran kellha tkun laqgħa ta' Esperti dwar il-Mediterran fi ħdan il-Konferenza tas-Sigurtà u Koperazzjoni fl-Ewropa. L-għajta ta' Malta kienet u għadha waħda ta' paċi għal dan ir-reġjun u għalhekk kien tassew f'loku l-messaġġ tal-President Anton Buttigieg fejn qal 'Kif dan il-post fil-passat (bħala sptar tal-Kavallieri) kien fejjaq il-morda tal-Mediterran, nittama li l-lum jibda jfejjaq Mediterran marid.'

Din il-laqgħa kienet biss il-bidu ta' sensiela sħiħa ta' attivitajiet li wasslu f'Dar il-Mediterran nies minn kull rokna tad-dinja. Kien f'dan il-lokal li saret il-laqgħa storika għal taħditiet bejn il-Prim Ministru Mintoff u l-President Tito tal-Jugoslavja meta dan żar Malta f'Ġunju ta' l-1979.

Ftit xhur biss wara, f'Settembru ta' l-istess sena, Ministri u delegati minn kull rokna tal-Commonwealth iltaqgħu f'Dar il-Mediterran għal konferenza qasira ta' jumejn iżda ta' importanza hekk kbira f'dawn iż-żmenijiet ta' taqlib finanzjarju u problemi monetarji.

L-għadd kbir ta' bandieri mlewwna ta' kull nazzjon tal-Commonwealth kienu joffru dehra tassew sabiħa kemm min-naħa tal-Barrakka t'Isfel kif ukoll minn fuq il-baħar fid-daħla tal-Port il-Kbir.

Dawn kienu ġranet meta l-Ministri mhux biss kellhom kummenti sbieħ dwar il-Panorama li joffri l-lokal iżda wkoll kliem ta' tifħir għal Malta li fiċ-ċokon tagħha issa saret tippossiedi Ċentru tal-Konferenzi ta' livell internazzjonali hekk għoli.

Bil-mod il-mod l-isem ta' Dar il-Mediterran bħala Ċentru għall-Konferenzi beda jixtered mad-dinja kollha. Il-laqgħat ma naqsux u Organizzazzjonijiet kbar bħal ma huma l-AAPSO, l'International Association of Democratic Lawyers, organizzazzjonijiet tal-Ġnus Magħquda u oħrajn iltaqgħu f'Dar il-Mediterran fejn kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom kemm is-Sala Repubblika kif ukoll swali iżgħar li hemm imxerrdin maċ-Ċentru.

Ma' dawn ta' min isemmi wkoll laqgħat kummerċjali bħal dik li saret mill-Manifatturi taż-Żebgħa Crown li ġabru hawn Malta delegati u rappreżentanti ta' bejjiegħa ta' din ix-xorta ta' żebgħa.

Iżda ma kienux biss il-barranin li bbenefikaw minn dan iċ-Ċentru. Kien ukoll il-poplu Malti li seta jgawdi minn Dar il-Mediterran.

Wieħed ma jistax ma jsemmix l-esibizzjonijiet li ġibdu l-ammirazzjoni ta' kull min mar iżurhom għal-livell għoli bħal ma kienu l-Esibizzjoni ta' Bolli mid-dinja kollha, l-Esibizzjoni dwar is-Sena Internazzjonali tat-Tfal u l-Fiera tal-Kotba mtella' għal darbtejn sena wara l-oħra mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Għall-ewwel darba wkoll f'Sala Repubblika saret is-serata finali għall-għażla ta' Miss Malta.

Dar il-Mediterran tat ukoll is-sehem tagħha fil-qasam kulturali u hekk il-poplu Malti seta jitpaxxa biż-żfin klassiku ta' l-Opera ta' Pariġi, il-Ballet taċ-Ċekoslovakki u ż-żfin delikat taċ-Ċiniżi fost oħrajn. Forsi l-akbar attrazzjoni f'dan il-qasam kienet il-Black and White Minstrel Show meta eluf kbar ta' Maltin attendew għas-serati tul ħmistax-il ġurnata.



Dehra sabiħa tat-taraġ li jagħti għar-Restaurant ta' DAR IL-MEDITERRAN.



Hafna drabi il-poplu Malti in ġenerali seta jgawdi mill-faċilitajiet li toffri DAR IL-MEDITERRAN fil-qasam kulturali u ta' divertiment.



**Ministri tal-Finanzi u delegati minn kull rokna tal-Commonwealth iltaqgħu f'DAR IL-MEDITERRAN.**

L-aħħar avveniment kbir internazzjonali f'Dar il-Mediterran u żgur l-akbar wieħed f'dak li huwa tul ta' żmien u għan-numru ta' nies barranin li ħadu sehem, kien bla dubju ta' xejn l-Olimpijadi taċ-Ċess li damu sejrin għal tliet ġimgħat f'Novembru/Diċembru 1980. Is-Sala t-twila, Dar il-Wiri, kienet verament toffri dehra mill-isbaħ, u l-kumment ġenerali kien li l-ebda pajjiż ieħor fid-dinja ħlief Malta ma seta' qatt joffri lokal bħal dak fejn setgħu ipoġġu jilagħbu f'daqqa ma' l-450 ruħ u jibqa' il-wisgħa.

Ir-Restorant taċ-Ċentru wkoll kellu jagħti s-sehem tiegħu biex jitma qrib l-1000 ruħ kollha f'daqqa. Dan ir-Restorant, twil 135 metru, ġie restawrat b'mod li ma jtellef xejn mill-atmosfera majestuża taċ-Ċentru imma fl-istess ħin joffri faċilitajiet mill-aqwa saħansitra biex fih isiru ikliet statali u riċevimenti, minbarra li ta' kuljum dan jinsab miftuħ għall-użu tal-pubbliku.

Postijiet oħra fiċ-Ċentru li huma miftuħin għall-pubbliku regolarment huma l-Gallerija Feniċi fejn hemm wirja kontinwa ta' l-Arti u s-Sala Mizzi fejn għadd ta' drabi kuljum tintwera l-hekk imsejħa 'Malta Experience' ibbażata fuq l-Istorja ta' Malta.

Dar il-Mediterran hija amministrata minn Kumitat ta' Tmexxija mwaqqaf f'Jannar 1980. Dan il-Kumitat ħa ħsieb sabiex dan iċ-Ċentru jsir magħruf ukoll barra minn Malta. Fil-fatt għas-snin li ġejjin għadd ta' konferenzi internazzjonali, wħud minnhom kummerċjali, huma ppjanati li jsiru f'dan iċ-Ċentru. Dar il-Mediterrran qed isservi għalhekk sabiex tiġbed lejn Malta eluf ta' konferenziera li jgħinu biex jimlew il-kmamar fil-lukandi, partikolarment fix-xhur tax-xitwa. Dan iċ-Ċentru llum, barra li huwa monument storiku ta' Malta qed jgħin biex ikattar il-kultura tal-Maltin u fl-istess ħin jikkontribwixxi lejn l-ekonomija ta' Malta.





# Użu tajjeb mis-servizzi tal-Mid-Med Bank jagħmel il-ħajja iżjed faċli

Meta tagħraf tuża tajjeb is-servizzi li joffrilek il-Mid-Med Bank il-ħajja ssir iżjed faċli.

Meta tiftaħ kont kurrenti li permezz tiegħu tkun tista' tħallas biċ-ċekk, issib li qed isserraħ rasek li flusek jinsabu fis-sod, filwaqt li tevita ħafna ġiri u taħbit.

Issib ukoll li mhux diffiċli li tagħmel arranġamenti biex tissellef flus għal ħtiġijiet li jistgħu jinqalgħu.

Bħalma hemm ħafna servizzi utli għal kulmin għandu jew qed jippjana li jkollu xi negozju.

Fuq kollox, il-Managers tal-Mid-Med Bank huma mħarrġin biex jgħinuk b'pariri li tkun tinħtieġ.

**Mid-Med Bank**
**Uffiċċju Prinċipali: 233 Triq ir-Repubblika, Valletta.**
**Tel: 625281. 38 Fergħa f'Malta u Għawdex.**

Mid-Med Bank
*il-bank tiegħek*


Stamperija tal-Gvern